Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 461/2013**

tal-21 ta' Mejju 2013

li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalatli (PET) li joriġina mill-Indja wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 597/2009

(ĠU L 137, 23.5.2013, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 190/2014 tal-24 ta' Frar 2014	L 59	5	28.2.2014
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1350 tat-3 ta' Awwissu 2015	L 208	10	5.8.2015
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1468 tal-1 ta' Ottubru 2018	L 246	3	2.10.2018

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 461/2013

tal-21 ta' Mejju 2013

li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalatli (PET) li joriġina mill-Indja wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 597/2009

Artikolu 1

1. Dazju kumpensatorju definittiv huwa b'dan impost fuq l-importazzjonijiet ta' polietilentereftalatli b'numru ta' viskożità ta' 78 ml/g jew ogħla, skont l-istandard ISO 1628-5, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM 3907 60 20 u li joriġina mill-Indja.

2. Ir-rata tad-dazju kumpensatorju definittiv applikabbli għall-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandha tkun kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju kumpensatorju (EUR/tunnellata)	Kodiċi TARIC addizzjonali
▼M3			
India	Reliance Industries Limited	29,21	A181
▼B			
L-Indja	Pearl Engineering Polymers Ltd	74,6	A182
L-Indja	Senpet Ltd	22,0	A183
L-Indja	Futura Poliesters Ltd	0	A184
▼M3			
India	Dhunseri Petrochem Limited	18,73	A585
India	IVL Dhunseri Petrochem Industries Private Limited	18,73	C380
L-Indja	Micro Polypet Pvt. Ltd	18,73	C381
▼B			
L-Indja	All other companies	69,4	A999

3. F'każijiet fejn il-prodotti tkun saritilhom il-ħsara qabel ma jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni libera, il-prezz attwalment imħallas jew li jkun irid jitħallas jiġi maqsum għall-istabbiliment tal-valur doganali skont l-Artikolu 145 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju ([1]), l-ammont ta' dazju kumpensatorju, ikkalkulat fuq il-bażi tal-ammonti stabbiliti hawn fuq, għandu jitnaqqas b'perċentwal li jikkorrispondi mat-tqassim tal-prezz attwalment imħallas jew li jkun irid jitħallas.

([1]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

▼M1

_____

▼B

►M1 4. ◄ Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fir-rigward tad-dazji doganali.

▼M1

_____

▼B

Artikolu ►M1 *2* ◄

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M1

_____